# Il-Ħadd 01.07.2018

1. It-Tlieta 03/07:
   - Ħarġa għal Għawdex. Tluq fis-6:30am u nkunu lura għat-8:30pm.
     Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

2. Il-Ġimgħa 06/07, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Fis-6:30pm - Il-Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Ħin ta' Adorazzjoni.

3. Avviżi oħra:
   - Qed jiftħu applikazzjonijiet għall-Korsijiet offruti mill-Fakultà tat-Teoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta, kif ukoll mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali bbażat fl-Istitut Kattoliku, Floriana. Dettalji jinkisbu mill-websites u l-facebook pages rispettivi: (https://www.um.edu.mt/theology/prospective u www.maltapfi.org).
   - Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali javża li kull nhar ta' Sibt l-Uffiċini Distrettwali tiegħu tal-Belt Valletta, il-Birgu, Raħal Ġdid, Birkirkara, il-Qawra u Ħal Qormi qed ikunu miftuħa għall-pubbliku bejn it-8:00am u 12:00pm. Dan is-servizz qed ikun miftuħ kemm għar-residenti tal-lokalitajiet imsemmija u kemm għar-residenti ta' lokalitajiet oħra fil-viċin. Id-Dipartiment ifakkar li huwa mportanti li kull min imur biex jinqeda jieħu miegħu l-Karta tal-Identità.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 270 bħala ġabra speċjali bħala "l-Offerta ta' San Pietru",
     jiġifieri Offerta b'risq l-għotjiet ta' karità li jagħmel il-Papa;
   - € 50 bħala donazzjonijiet b'risq il-Festa. Grazzi mill-qalb.

5. Nitolbu għal Karmenu Farrugia li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...